# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Colin Farrugia**

Illum, 10 ta`Lulju, 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra **Colin Farrugia** imwieled fit-8 ta' Novembru, 1981 gewwa Malta u residenti 96, Liliana, Triq Gilju, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita' numru 665881 M akkuzat talli permezz ta' spezzjoni li sehhet fis-26 ta' Awwissu 2022 gewwa Sacro Cuor, Triq Dun Mikiel d' Amato, Zurrieq, Malta irrizulta li int inqast milli tapplika ghal registrazzjoni fiz-zmien u bil-mod mehtief bl-artikolu 10, 11 jew 12 tal-Att Nru. XXIII tal-1998, u dan bi ksur tal-artikoli 76, 77, 81 u 82 tal-imsemmi Att.

Semghet ix-xhieda ta' Marylynn Schembri Saliba fis-seduta tal-3 ta' Ottubru, 2023, ta' Marjes Galea fis-seduta tat-3 ta' Ottubru, 2023;

Rat li fis-seduta tat-3 ta' Ottubru, 2023 il-Prosekuzzjoni ghalqet il-provi u l-imputat ghazel li ma jixhidx.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-artikoli 10, 11 , 12, 76, 77, 81 u 82 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ix-xhieda, id-dokumenti u l-atti kollha tal-kaz.

Ikkunsidrat

Provi tal-prosekuzzjoni

**Marilyn Schembri Saliba**, Inspector Revenue mal-MTCA administration xehedet fis-seduta tal-3 ta' Ottubru 2023. Tixhed li saret spezzjoni gewwa Šacro Cuor Triq Dun Mikiel Damato, Zurrieq Malta. Tixhed

"Xhud: Mela waqt targeted exercise fuq mechanics sehh fis-26 ta`Awwissu, 2022 jien u l-kollega tieghi innutajna garaxx miftuh Triq Dun Mikiel Damato Zurrieq bl-ghodda u r-ragel kien hiereg b`Jack tal-karozzi ahna waqafna inkellmuh u saqsejnieh jekk hux mekkanik u qalilna li huwa mekkanik u saqsejnieh biex almenu naraw il-fiscal receipts peress li ma kienx hemm cash register fil-garaxx is-sinjur Colin Farrugia qalilna li mhux registrat ghal-VAT u li hu isewwi karozzi tal-hbieb tieghu bhala pjacir u bdew ihallsuh ghalih il-pjacir jien u l-kollega tieghi infurmajna lis=sinjur Farrugia li diment li qed jigi imhallas ghas-servizz li qed jaghti huwa obbligat li jkun ireegistrat ghal-VAT u li jipprovdi lil klijenti u ircevuta fiskali irrelevanti hbieb famija jew klijenti ohra."

Ix-xhud ma ratux jaghmel ebda' xoghol. Fil-post ma kienx hemm cash register u l-anqas fiscal receipt. Mistoqsija mill-Qorti ghaliex staqseweh dawn id-domandi tirrispondi li dak in-nhar kienu qed jaghmlu targeted exercise fuq mechanics u kumbinazzjoni kienu ghaddejjin minn hemm u rawh.

"

Ix-xhud taghraf lil imputat fl-awla. Tipprezenta rapport redatt minnha u mill-kollega tagghha Marjes Galea (Dok MSS).

In kontro-ezami tirrispondi li dak in-nhar kienu qed jaghmlu spezzjonijiet iz-Zurrieq il-Qrendi jew Safi.

Lil imputat ratu  hiereg b Jack tal-karozzi biex isewwi karozza jew tyre ta karozza li kienet faccata tal-garaxx tieghu. Lil imputat ma ratux isewwi. Dak il-hin ma kellu ebda' karozza ghat-tiswija. Ma staqsietx lil imputat ta' min hi l-karozza.

Mistoqsija jekk meta kienu qed jaghmlulu d-domandi qalulux li kien qed jigi investigat tirrispondi li huma kellhom il-card u introdicew ruhhom mieghu. Ma qalulux li ghandu d-dritt li ma jwegibx.

**Marjes Galea**, MTCA Revenue Inspector, xehedet fis-seduta tal-3 ta' Ottubru, 2023. Fis-26 ta' Awwissu, 2022 kienet flimkien ma Marylyn Saliba jaghmlu spezzjonijiet fuq mechanics gewwa z-Zurrieq.  Ix-xhud  konfermat il-verzjoni ta' Marylyn Saliba u gharfet lil imputat fl-awla. Tikkonferma r-rapport (Dok MMS) li gie pprezentat mix-xhud precedenti.

Tixhed li ma kienux ircevew complaint imma kienu qed jaghmlu ezercizzju d' dawk l-akkwati. Lil imputat rawh hiereg mill-garage u jersaq lejn karozza ipparkjata pero' ma rawhx jiftah xi karozzi. Ma tifakarx jekk kienx hemm karozzi ipparkjati gewwa l-garage.

Mistoqsija jekk meta staqsewh id-domandi tawhx caution li jista' jinkrimina ruhu tirrispondi li le.

"Xhud: Le ahna ghednilu qed naghmlu inspections spjegajnielu li kienet inspection ma morniex bi complaint saqsejnieh l-affarijiet li kellna insaqsuh jekk ghandux kotba jew cash register u hu qalilna li le mġhandux qalilna li mġhandux ikun registrat ghall-VAT ahna ikkoregejnieh."

Ix-xhud ma ratx lil imputat jahdem fuq xi karozza. Huma kienu ghaddejjin bil-karozza, rawh, waqfuh u saqsewh jekk huwiex mechanic qalilhom iva u waqfu l-karozza u nizlu jkellmuh. Kien l-imputat li qalilhom li hu mechanic.

Ikkunsidrat

Il-Qorti tfakkar illi hawnhekk ninsabu fil-kamp penali u apparti li minn jallega irid jipprova, l-livell ta' prova li trid tilħaq id-difiża hija dik tal-probabbli, filwaqt li l-livell tal-Prosekuzzjoni hija livell għola u cioe' 'l hinn kull dubju dettat mir-raġuni.

Fil-kaz in ezami l-imputat li l-prosekuzzjoni qed tallega li huwa mechanic ma kienx irregistrat mad-dipartiment tal-VAT u strahet fuq dak li allegatament qalilhom l-imputat verbalment meta waqfu ikellmhuh. Ix-xhieda tal-prosekuzzjoni xehedu li huma tawx avviz lil imputat li seta' jinkrimina r-ruhu.

Ikkunsidrat

Illi l-prosekuzzjoni kellha l-ewwel nett tressaq prova li l-imputat ma huwiex registrat mad-Dipartiment tal-VAT. La mix-xhieda tal-prosekuzzjoni u l-anqas mir-rapport redatt minnhom ma irrizulta li saret xi tfittxija biex jkun hemm konferma li ma huwiex registrat mad-dipartiment tal-VAT. Fir-rapport hemm imnizzel li l-imputat ma tawhomx dokument ta' identifikazzjoni u fittxew l-indirizz tieghu fuq il-CDB database. Jigi rilevat li d-dettalji tal-indirizz li hemm fuq l-att ta' akkuza huwa differenti minn dak tal-karta tal-identita' ezebita mid-difiza.

Illi l-anqas max-xhieda tal-prosekuzzjoni tellghu xi prova li l-imputat kien qed jaghmel xi xoghol ta' mechanic. Huma ma rawh jiftah ebda' karozza, sempliciment rawh riesaq lejn karozza b' jack. L-anqas ix-xhieda tal-prosekuzzjoni ma raw karozzi fil-garage li kien hiereg minnu jew addirittura rawh jiftah karozza barra t-triq.

Il-Qorti tikkunsidra li fil-kaz in ezami il-prosekuzzjoni ma resqitx l-ahjar prova li setghet tressaq fuq ir-registrazzjoni o meno tal-imputat, u l-anqas ma pprovat li kien qed jahdem ta' mechanic ghaliex ma rawhx jahdem.

Illi fil-fehma tal-Qorti l-prosekuzzjoni ma rnexxielex tipprova li l-akkuzi dedotti kotntra l-imputat 'l hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 10, 11 , 12, 76, 77, 81 u 82 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil imputat Colin Farrugia mhux hati tal-akkuzi kollha dedotti kontrih u qed tilliberah minn kull htija u piena.

**Magistrat Dr Yana Micallef Stafrace LL.D**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**